KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tal-Ħdax (11) Laqgħa tkomplija tal-Minuti tat-Tmienja (08) tas-Seba (07) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ġunju, 2012 fis-18.45 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-18.45 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sur Mario Salerno (Sindku) | 18.45hrs | 20.30hrs |
| Is-Sur Alex Bezzina (Viċi-Sindku) | 18.45hrs | 20.30hrs |
| Il-Perit Graziella Galea | 18.45hrs | 20.30hrs |
| Is-Sur John Bray | 18.45hrs | 20.24hrs |
| Is-Sur Raymond Tabone | 18.45hrs | 20.30hrs |
| Is-Sna Mandy Buhagiar | 18.45hrs | 20.20hrs |
| Is-Sur Peter Abela | 18.54hrs | 20.30hrs |
| Is-Sur Jason Camilleri | 18.45hrs | 20.15hrs |
| L-Avukat Robert Anthony Piscopo | 18.45hrs | 20.30hrs |
| Is-Sna Anne Marie Fenech | 18.45hrs | 19.40hrs |
| Il-Perit Daniel Grima | 18.45hrs | 20.30hrs |
| Is-Sna Jane Chircop | 18.45hrs | 20.30hrs |
| Is-Sur Carmel Hili | 18.45hrs | 20.30hrs |

Is-Sindku propona li kull kunsilleri jagħmel staqrrija u din tkun ta' ħames (5) minuti.

Alex Bezzina qal li għandu pjan li għall-Olympics issir Fun Run, li tibda mill-Olympic Garden tax-Xemxija. Dan irid ikun hemm clean up taż-żona minn qabel. Alex Bezzina ser jikkowordina din l-attivita'. Il-mejda qablet.



**Sindku** : Mario Salerno
**Viċi Sindku** : Alexander Bezzina
**Kunsilliera** : Graziella Galea, John Bray, Raymond Tabone, Mandy Buħaġiar, Peter Abela, Jason Camilleri, Robert Piscopo, Anne Marie Fenech, Daniel Grima, Jane Chircop, Carmel Hili
**Aġent Segretarju Eżekuttiv** : George Abdilla

John Bray saqsa jekk hemmx xi *budget*. Is-Sindku qal li l-*budget* għandu jinżamm għal bażi ta' *sponsors*, u spejjeż minn bħal tal-wardens u hekk.

Alex Bezzina semma li l-Boy Scouts u l-Girlgides sabiex jgħinu.

Ray Tabone – Traffic Consultant Tender. Moqrija mis-Segretarju u mis-Sindku. Raymond Tabone qal li ħafna minnhom għandhom kwalifki tajbin. Qal li għandna imorru għall-orħos u li huma tnejn. Dawn ta' 12,00 euro. Dawn it-tnejn għandhom xogħol ma' Kunsilli oħra, it-tnejn huma tajbin, u ser issir diskussjoni. EMDP għadna kemm tajnih kuntratt fil-proġett tal-ESF, fil-fehma tiegħu għandu jingħata lil Kumpanija l-oħra – l-Perit Lewis.

Ray Bartolo qal li la hemm it-tnejn l-inqas, għaliex għandna mmorru ghal wieħed u mhux għall-ieħor ghax għandu *tender* ieħor?

Perit Lewis propost minn Ray Bartolo u ssekondat minn Jason Camilleri fejn il-Kumpanija EMDP proposta minn Peter Abela u ssekondata minn John Bray.

**Votazzjoni:** 7 għal Perit Lewis
4 għal EMDP. Peter Abela, John Brau, Jane Chircop u Robert Piscopo.

Raymond Tabone ressaq ukoll tiswija fuq is-Simenta ta' ħdejn it-Torri, bejn Wignacourt fejn hemm il-Moll.

George Abdilla osserva li dan huwa remit ta' Transport Malta.

Raymond Tabone qal li din is-sena ma sar xejn.

Peter Abela talab kjarifika jekk tnaqsitx jew le. Jason Camilleri qal li ma naqsitx. Is-Sindku qal li tal-Pjazza ta' Bugibba, quddiem is-silp way twessat ftit.

Raymond Tabone qal li ħdejn il-proġett hemm ċertu nuqqasijiet ta' *safety*.

Is-Sindku qal li fl-interes tal-Kunsil la hemm periklu, ninfurmaw OHSA u l-Puluzija sabiex ikun protett il-publiku.

Peter Abela qal li ninfurmaw lil Malta Tourism Authority.

George Abdill għandu jinforma lil Pulizija.

Ray Tabone qal li beda ix-xogħol fuq Triq San Gorg. Pajpijiet tal-GO hemm uħud minnhom huma fil-wiċċ u ix-xogħol qed isir bl-idejn.

John Bray staqsa ser jiġri mill-katusi tal-bjut meta issir it-triq għax uħud minnhom ser jispiċċaw jinqalgħu.

Is-Sindku qal li hemm appuntament għada filgħodu mal-Perit u ser jiċċekjaw kull katusa.

Miżura 313 u 323 – nippreparaw il-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Is-Sindku propona il-Perit Graziella Galea, l-Perit Daniel Grima, Carmel Hili, Raymond Tabone u s-Sindku.

Is-Sindku qal ukoll li bħalissa hemm l-Offerta ta' Gbir tal-Iskart li tagħlaq fit-18 ta' Lulju 2012. Għal din l-Offerta, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jagħajjat lil Ministeru, sabiex jagħmel laqgħa ma' dawk li ġabru l-Offerti sabiex jagħddulhom sew l-pplikazjonijiet legali tal-Offerti u l-Ispeċifikazzjonijiet Ewropej.

Jason Camilleri propona li l-moll tal-Veċċa ser jitwaħħal il-meter tad-dawl u l-ilma bħal dawk tal-marinas. Dawn jagħmlu ix-xogħol huma u jħallsuh, u talbu għajnuna tal-Kunsill ukoll. Bħalissa hemm kamra li fiha hemm id-dawl u għalhekk irridu li ssir din il-kaxxa fejn wieħed jixtri l-card u jħallas tal-konsum.

Is-Sindku qal li meta intaqa' mad-Direttur tas-Sajd dawn l-spejjeż li saru hemm jiġu miġbura mid-Dipartiment. Fir-rigward tal-kaxxa, is-Sindku propona li jinħarġu 500 Ewro. Jason Camilleri qal li tal-inqas inħalsuhom 1000 Ewro tal-installazzjoni. Jason Camilleri ppropona li inżommulhom il-cards. Is -Sindku qal li għandna nħeġġuhom li jingħaqdu f'organizzazzjoni sabiex ikunu jistagħu jittapjaw fondi ewropej.

Peter Abela qal li biex inġibu d-dawl iridu jidħlu huma. Jason Camilleri qal li diġa' hemm id-dawl fuqhom.

Ray Bartolo ġibed l-attenzjoni li nimxu mal-*procument proceders*. Il-mejda qablet ma' 1000 Ewro.

Mandy Buhagiar ġibdet la-ttenzjoni fuq il-Live Streaming fejn jidher li hemm problema minħabba l-*extensions* tal-majkrofons. Jidher ukoll li l-ispeed tal-connection mhux biżejjed. Jidher li għandna bżonn servizz aħjar tal-internet.

L-Attivita' tal-Lejla Pawlina inħareġ il-*Poster*. Proponut ukoll *shuttle service* bit-trejn għal sagħtejn sħaħ u ser taħdem mil-lukandi. Il-*Press Conference* ser titella' l-Bognor.

Is-Sindku qal li Mandy Buhagiar u Raymond Tabone iltaqgħu ma' Adrian. Il-Kunsill qabel li ssir l-attivita' Lejla Pawlina, l-*Insurance Policy* tikkaverja l-attivita' la din ser tkun attivita' tal- Kunsill. Il-Kunsill irid javża lil Insurance. ABBA grupp ser jingabb mill-Kunsill. Il-Kunsill qed japprova n-nefqa ta' 3,500 Ewro sabiex iġib it-Tribute Band ABBA.

Ray Tabone gibed l-attenzjoni li hemm bżonn li l-Enemalta tipprovdi Emergency Lights.

Jane Chircop qalet li l-Customer Care huwa sfida u hemm nuqqas ta' staff u qed isiru l-intervisti biex jiddaħlu iżjed staff.

Hemm bżonn *fireplan* u *fire exits*. *Emergency exist* mill-gallarija. Daniel gibed l-attenzjoni li l-*fire* attendant jintuża fuq it-travi.

Is-Sindku ser jitkellem mas-sid dwar iċ- ċavetta tal-komun. Kien hemm diversi ħarġiet tal-anzjani, irringrazzja lis-Sinjura Marianne Vella.

Is-Sindku sema' is-servizz mediku fil-komunita', ser ilaqqa' dawn it-tobba flimkien sabiex isir servizz għall-komunita'. Ibbażat fuq il-PPP. Iproponuta mis-Sindku u qabel kulħadd.

Is-Sindku ppropona ukoll *working group* ibbażat minn Ann Fenech, Mandy Buhagiar, Jane Chircop, Peter Abela u s-Sindku Mario Salerno.

Carmel Hili ġibed l-attenzjoni fuq il-programmi tal-Unjoni Ewropea fejn ser nidħlu fil-Patt tas-Sindki. Mario Salerno qal li meta kien Ħal Kirkop kien daħal f'dan il-Patt tas-Sindki. Hawn nistgħu naqbdu lokalita' u ssir *case study.*

Trail ta' Agrikoltura għat-turisti u t-tfal tal-iskejjel, Youth in Action fuq il-biedja.

Soft areas – L-ELC ma kienux jafu fuq xi *soft areas* li qegħdin fil-kuntratt. Is-Sindku propona li ssir *working group* fuq is-*soft areas* bejn Carmel Hili, Raymond Tabone, Daniel Grima , Robert Piscopo u Mario Salerno.

Bowser tal-ilma – l-Aġġudikazzjoni tal-Offerti semma' li l-ħasil tal-Promenade isir mis-Sunny Coast sal-

John Bray qal li din l-Offerta hemm nuqqas fuq ta' qabel ghax mhux qed nagħmlu ż-żona kollha. L-orħos *bidder* huwa Bonello fejn l-ispiża hija ta' 70,00 Ewro kull 4000 galluni.

Avukat Robert Piscopo semma' l-attivita' li ser tittella' fil-5 ta' Awwissu 2012, bl-isem ta' DJ Festival, fil-bajja ta' ħdejn l-Amazonia fl-4 ta' wara nofsinhar. Ser jipparteċipaw mistiedna b'talenti lokali kif ukoll deejays rinomati fuq skala nazzjonali. Ser isiru taħdidiet mal-Puluzija u l-Malta Tourism Authority.

Hemm ukoll komunikazzjoni mir-residenti tal-Wardija rigward il-bins on wheels fejn ser jgħaddu lista lil Ray Bartolo ta' dawk ir-residenti li għandhom bżonnhom.

L-iskola tal-Wardija hemm *light polution* għalehekk ser issir komunikazzjoni mal-iskola.

Peter Abela qal li għandha ssir applikazzjoni għal *zebra crossing* ħdejn iz-zuntier tal-kapella. Ray Tabone qal li ser issir diskussjoni sabiex jirtiraw iz-zuntier mal-Kappillan.

Casa serena - Tabelli – xhar – tneħħew. Issuġerixxa li juri tabelli bir-riklami. Ray Bartolo qal li jekk wieħed jemenda il-Bye Law tal-U-bends, wieħed ikun jista'.

Sindku Mario Salerno qal li l-*Works Orders* mill-Kunsill lill-kuntratturi, u x-xogħol ma sarx għax kienu qed jaħdmu f'lokalita' oħra. Hemm bżonn li dawn in-nies għandhom jagħtu s-servizz u jekk mhux ser jagħmlu xogħol jinħarġulhom Defaut Notice.

Is-Sindku saqsa lil Raymond Tabone kemm ilha li ħarġet l-*Works Order* taz-*zebra crossings*. Raymond Tabone wieġeb li dawn ħarġu madwar 7 ġimgħat ilu.

Il-Perit Daniel Grima semma' li z-*Zebra Crossing* ta' quddiem il-BOV għandha timxi.

Peter Abela semma' li għandhom isiru sinjali fejn jindikaw it-Tribunal Lokali.

John Bray ġibed l-attenzjoni fuq il-monumenti u qali li s-Sotto Kumitat magħmul mill-Perit Daniel Grima, Raymond Tabone, John Bray u Mario Salerno sabiex jaħdmu fuq dawn ir-*roundabouts*.

Graziella Galea semmiet li l-Moll ta' taħt il-Beach Heaven hemm bżonn li jsir manutenzjoni fuqu.

Talbet li ssir diskussjoni fuq il-laqgħa li saret fuq il-Kjosk ta' Tanti. Is-Sindku qal li għandna naraw x'kompromess nistgħu nsibu mal-isviluppar u għalhekk għandna nagħmlu laqgħa ma ta' Tanti Kjosk.

Il-*Management Letter* kienet korretta li jiffirma s-Sindku.

Il-Perit Daniel Grima rigward l-ESF Project għadu għaddej u ser jerġa' jibgħat id-deskrizzjoni tal-proġett.

Alex Bezzina jidħol ukoll fil-Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' Gbir ta' Skart.

Punt numru 10 – Il-Performance Bonus tas-Sur John J. Camilleri huwa magħmul minn pro rata. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

Ray Bartolo qal li fl-aħħar Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad attenda is-Sur Godfrey Bezzina u tkellem fuq l-EMR radiation. Il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad talab lis-Segretarju biex jiċċekja fuq dawn il-mobajl antennas ma' diversi awtoritajiet. Saret diskussjoni dwar l-iżvilupp illegali fil-Wardija.

Ser isir survey fil-Wardija dwar il-*culvert* sabiex naraw fejn hemm bżonn jitqatta' l-blat qabel ma jsiru x-xogħlijiet.

Inxtara d-dawl għal San Pawl Milqi.

Welcome Boards - avviċinati minn HSBC rigward il-*Welcome Boards*. Dawn lesti li jagħmlu 4 boards. L-APS huma interessati wkoll. Rigward il-kitba għadna rridu nitkellmu. Raymond Tabone gibed l-attenzjoni li għandu jkun hemm *clear terms of reference* u naġġornaw il-bords.

Stemma bla stemma, la darba giet approvata minn Adrian Strickland, li huwa l-Istemmatur Uffiċjali tad-Dipertiment, din tista' tintuża. Dawn l-istemmi fl-aħħar irridu jigu approvati mill-Parlament fl-aħħar.

Il-Playing field ta' Burmarrad ser tiġi *upgraded*, approvata mill-MEPA u ser jiġu nfasla l-Offerti.

Il-UIF Funds ser issir żona tal-BBQ fil-Wardija (*upgrading of area*)

Is-Sindku qal li suppost ħarġu *Works Orders* ta' tabelli tal-BBQ.

It-*Traffic Island* ta' ħdejn l-iScotts – *Upgrading*. Raymond Tabone saqsa jekk tistgħax titneħħa l-kamra tal-Water Services. Ray Bartolo qal li din tista' titneħħa u diġa' talab lill-Kuntrattur. Din hija kamra imbarrata. Peter Abela qed jieħu ħsiebha.

Jane Chircop saqsiet li jkun hemm il-Perit Daniel Grima u l-Avukat Robert Piscopo sabiex jgħinu fuq il-*fireplan*.

Il-Laqgħa li jmiss hija aġġornata għal nhar il-Gimgħa 13 ta' Lulju, 2012 fil-17.30 ta' filgħaxija.

**Għeluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa waqfet fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija.

***Mario Salerno***
***Sindku***

09 ta' Lulju 2012

***George Abdilla***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***

Ref: 55 / 6639 / 12 / OCZ